MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1931/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza
tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited
kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Joann Rizzo
abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-
Ligi u l-istess Joann Rizzo [425175(M)]**

**Vs**

**Pierre Buhagiar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm436.63c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema

ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, negligenza, mperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici huma nfondati.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut proprjetarju tal-vettura JTY 132 jghid:

“I was proceeding up towards B/Caghaq when all of a sudden the other car emerged from Triq il-Qasam and a collision ensured.”

Ra r-risposta ta’ l-attur li kien qed isuq il-vettura FAV 615 fejn jghid:

“I was proceeding from Triq il-Qasam as I reached the corner to proceed towards St Andrew’s Road I stopped and at one point a car stopped before the give way box since there was a traffic jam so, I emerged when all of a sudden the Mercedes overtook the stationary cars and hit me.”

Ra x-xhieda ta’ l-attur Christopher Vella fejn jghid illi ma setax johrog mill-ewwel ghat-triq minhabba t-traffiku li kien hemm. Illi beda hiereg bil-mod lejn id-*double white line* waqt li kien qed ihares lejn id-direzzjoni ta’ Bahar ic-Caghaq. Jghid ukoll illi ra l-karozza tal-konvenut fil-hin tad-daqqa ghaliex huwa kien qed ihares ‘il quddiem u ma setax jara sew minhabba l-karozza li kienet fuq il-lemin.

Ra x-xhieda ta’ Joann Rizzo ko-attrici u proprjetarja tal-karozza fejn tghid illi dakinhar ta’ l-incident hija kienet passiggiera. Tghid illi l-attur kien hiereg bil-mod u s-sewwieq tal-*four wheel drive* qalilhom biex jghaddu. Illi rat il-karozza tal-konvenut mad-daqqa u li kienet nofsha fil-*lane* li tiehu ghal San Giljan u nofsha fil-*lane* taghhom. Illi fin-nofs tat-triq hemm *double white line* u l-atturi kienu f’*junction box*.

Ra x-xhieda ta' PS 78 Joseph Cremona fejn esebixxa r-rapport u l-iskizz. Jghid illi l-vetturi huma mpingijin ezatt kif sabhom u li nizzel kollox li qalulu l-partijiet fir-*Road Accident Report*. Illi l-linja d-dritta li tidher fl-iskizz hija *interrupted white line*.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi ftit 'l isfel mill-post ta' l-incident kien hemm karozza pparkjata u minhabba f'hekk il-karozza li kienet qed issuq fuq ix-xellug tieghu jigifieri fuq l-*inner lane* kellha taqla' 'l barra u ghalhekk hu kellu jaqla' wkoll.

Illi l-imsemmija karozza waqfet 'il quddiem minnu u jghid illi harget il-karozza ta' l-attur minn fuq *Stop Sign* u li ra l-imsemmija karozza meta qabez il-karozza fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut jghid illi m'ghandux ghalfejn jieqaf meta jkun fuq *main road*.

**Ikkunsidra**

Illi kien Christopher Vella li kellu l-obbligu li jassigura li seta' johrog fuq il-*main road* minghajr ma jostakola t-traffiku fuq il-*main road*. Il-fatt li kien hemm *yellow box* ma jfissirx li Vella kellu d-dritt johrog minghajr ma jara l-karozzi gejjin. Il-*yellow box* qieghed hemm sabiex jekk ikun hemm *traffic jam* il-karozzi ma jieqfux fuq il-*yellow box*. Vella kellu karozza fuq il-lemin tieghu u kellu d-dover li joqghod attent kif johrog.

Fil-fatt Vella qal:

"Jiena ma stajtx nara sew fuq il-lemin tieghi billi kien hemm il-*four wheel drive*."

Vella qal ukoll:

"Jiena hrigt bil-mod bil-*first* u mbaghad billi jien bdejt nasal bil-mod lejn id-*double white line* fin-nofs tat-triq bdejt inhares lejn id-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq jigifieri lejn ix-xellug tieghi."

F'dan il-waqt certament Vella kellu jara jekk kienux gejjin karozzi minn fuq il-lemin tieghu. L-atturi ma gabux bizzejjed provi biex jippruvaw li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------